MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru. 1476/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 22 ta' Mejju 2008.**

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRO ZARB**

**VS**

**WILLIAM SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni kontra William Spiteri ta’ 32 sena, ta’ nazzjonalita’ Maltija, iben Joseph u Therese nee’ Tanti, imwieled il-Kanada fis-6 ta’ Ottubru 1975, residenti “Seychelles”, Triq Santu Rokku, Zebbug u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ numru 228793 (M);

Talli fix-xhur ta’ qabel is-17 ta’ Frar 2007, f’dawn il-gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg, jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokumenti mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja ta’ l-imputat ma’ thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi William Spiteri, hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre, din il-Qorti qieghda tordna l-iskwalifika tal-licenzja ta’ l-armi ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------